MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

Seduta tal-15 ta' Marzu, 2012

Citazzjoni Numru. 815/2011

**HSBC Bank Malta p.l.c.**

**(C – 3177)**

**vs**

**Dr. Renzo Porsella Flores LL.D. u l-PL. Marie Claire Mifsud Bartolo li b'digriet tat-3 ta' Marzu 2011 gew nominati bhala kuraturi deputati appuntati sabiex jirrapprezentaw lill-assenti Ian Schembri (karta ta' l-identita` numru 672 (M)) u Alberta Schmidt (karta ta' l-identita` numru 6795 (A))**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors guramentat tas-socjeta` rikorrenti datat it-22 t'Awwissu, 2011, u debitament ikkonfermat bil-gurament li

permezz tieghu wara li l-istess socjeta` rikorrenti sintetikament ippremettiet is-segwenti:

1. Illi s-socjeta` rikorrenti fuq indikata provdiet facilita` ta' "overdraft" lill-intimati wkoll fuq indikati;

2. Illi konsegwentement l-istess intimati Schembri u Schmidt fuq indikati ghandhom in vista tal-premess, jaghtu lis-socjeta` rikorrenti l-ammont ta' sebgha u sittin elf, tlett mija u tmienja u tletin Ewro, u sitta u ghoxrin centezmu, (€67,338.26);

3. Illi nonostante li regolarment interpellati kif jidher fl-istess rikors promotur, l-intimati msemmija baqghu inadempjenti;

Talbet lill-istess intimati jghidu ghaliex din il-Qorti allura m'ghandhiex:

1. Tikkundanna lill-istess intimati jhallsu lis-socjeta` rikorrenti s-somma komplessiva ta' sebgha u sittin elf, tlett mija u tmienja u tletin Ewro u sitta u ghoxrin centezmu, (€67,338.26), bl-imghaxijiet dovuti mis-16 t'Awwissu, 2011, sad-data tal-effettiv pagament;

2. Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficcjali ndikata fl-istess rikors promotur kontra l-istess intimati;

Rat ir-risposta guramentata tal-intimati nomine datata t-8 ta' Novembru, 2011, li permezz taghha sintetikament wiegbu:

1. Illi ma jafux bil-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna;

2. Illi rrizervaw id-dritt li jressqu risposta ulterjuri aktar 'il quddiem;

Semghet ix-xhud prodott;

Ezaminat id-dokumenti kollha esebiti;

Rat il-verbal tal-intimati nomine datat il-21 ta’ Frar, 2011, li permezz tieghu l-qorti giet infurmata li nonostante l-isforzi taghhom biex jikkomunikaw mal-intimati Schembri u Schmidt huma baqghu minghajr l-ebda kuntatt;

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti tal-procedura in dizamina jistghu jigu sintetikament esposti bil-mod segwenti:

1. Illi kif jirrizulta mill-facilita` ta’ “overdraft” konkluza mill-intimati Schembri u Schmidt kif jidher mid-dokumenti esebiti a fol 4 sa 8 ta’ din il-procedura, l-intimati de quo huma debituri favur is-socjeta` rikorrenti fl-ammont minnha mitlub fir-rikors guramentat promotur;

2. Illi mid-data li fiha gie ntavolat ir-rikors in dizamina sad-data ta’ din is-sentenza fuq indikata, l-pozizzjoni tal-intimati ma nbidlitx;

3. Illi l-intimati Schembri u Schmidt baqghu inadempjenti;

Ghaldaqstant, in vista tal-premess, filwaqt li takkolji t-talbiet kollha tas-socjeta` rikorrenti stante li debitament ippruvati:

1. Tiddikjara li l-intimati Schembri u Schmidt debituri “in solidum” favur is-socjeta` rikorrenti fuq indikata fl-ammont ta’ sebgha u sittin elf, tlett mija u tmienja u tletin Ewro u sitta u ghoxrin centezmu, (€67,338.26);

2. Tikkundanna lill-imsemmija Ian Schembri u Alberta Schmidt kif fuq indikati biex ihallsu lis-socjeta` rikorrenti l-ammont indikat fil-paragrafu precedenti;

3. Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficcjali ndikata fl-istess rikors promotur u bl-imghaxijiet kollha dovuti sad-data tal-effettiv pagament.

Onor. Imhallef Silvio Meli

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------